id-19 ta’ Frar 2021

Lill-President ta’ Malta
Il-Palazz
Il-Belt Valletta

Sur President,

# Konferenza dwar l-Għaqda Nazzjonali

Repubblika tilqa’ b’sodisfazzjon l-inizjattiva tiegħek li tniedi diskussjoni dwar “l-għaqda nazzjonali” f’Malta.

Qabelxejn huwa xieraq niċċaraw li għalkemm nippreferu l-paċi flok it-tilwim, il-ftehim flok in-nuqqas ta’ qbil, u d-diskussjoni bil-kelma t-tajba flok il-protesti storbjużi, jidhrilna li ma jeżisti l-ebda mument opportun biex jitrażżan in-nuqqas ta’ qbil rigward xi kwistjonijiet ta’ kontroversja nazzjonali biex minflok ikollna taparsi paċifikazzjoni jew inkunu parteċipi f’realtajiet li ma naċċettawx li għandhom ikunu karatteristika permanenti tal-ħajja f’Malta.

Jidhrilna wkoll li f’demokrazija vera hu essenzjali li jkun hemm ċertu livell ta’ nuqqas ta’ qbil dwar il-fehmiet, l-opinjonijiet u l-għażliet, u li dan jingħad bi ftuħ, b’onestà u b’rispett

lejn il-fehmiet differenti. Dan ikun jixhed ċittadinanza responsabbli li l-Istat għandu jgħożż u jippromwovi.

Hemm kwistjonijiet urġenti li jeħtieġu l-attenzjoni mingħajr dewmien ta' din il-komunità, li ħafna drabi tkun aljenata mill-emorraġiji serji li qed tippermetti.

Mhux biss inkunu qed nittradixxu l-missjoni tagħna bħala organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili li titħabat kontinwament għas-saltna tad-dritt, għad-demokrazija, għad-drittijiet ċivili u għal-libertà tal-kelma, iżda nkunu qed nittradixxu wkoll lil pajjiżna kieku kellna nagħtu l-ġenb il-lista ta' kwistjonijiet ta' prijorità fosthom, iżda mhux biss:

a. L-impunità li qed tgawdi l-kriminalità organizzata li firxet għeruqha u jidher li qed taħkem kull aspett ta' ħajjitna f'Malta, inkluż il-politika, l-amministrazzjoni, l-istituzzjonijiet, il-midja, in-negozji u l-isports;

b. It-teħid tal-ispazji pubbliċi, il-qerda tal-ambjent naturali, it-tnawwir tal-kwalità tal-ħajja urbana, l-istupru tal-pajsaġġ Malti, u ż-żieda fit-tniġġis tal-ħamrija, tal-arja u tal-ilma, li lkoll isawru sfond għat-tibdil fil-klima.

c. Id-dominanza tal-attivitajiet etikament dubjużi fit-tessut ekonomiku ta' pajjiżna b'dipendenza nazzjonali fuq l-evitar tat-taxxa, il-kompliċità fl-evażjoni tat-taxxa, il-logħob tal-azzard fuq l-internet, u l-kollaborazzjoni mal-attivitajiet dubjużi tas-sinjuruni billi nostrulhom l-identità tagħhom;

d. Il-falliment tal-Istat Malti milli jressaq quddiem il-ġustizzja lill-persuni konnessi mal-qtil ta' ġurnalista, u jiżgura l-kundanna kriminali li ħaqqhom;

e. Ir-razziżmu sistematiku fil-politika pubblika, fl-amministrazzjoni pubblika u fid-deċiżjonijiet politiċi fil-konfront tal-migranti, l-aktar iżda mhux biss, l-Afrikani jew il-persuni ta' dixxendenza Afrikana. Ħafna persuni li qed jgħixu fostna mhux jitħallew iħossuhom komdi jagħmlu pajjiżna d-dar tagħhom ukoll;

f. Iż-żieda fl-inugwaljanzi ekonomiċi b'aktar persuni esposti għar-riskju tal-faqar u wħud ibatu l-privazzjoni minn ħtiġijiet bażiċi, fosthom is-saqaf, l-ikel u l-kundizzjonijiet sanitarji;

g. L-inugwaljanzi qed jkomplu jiggravaw bin-nepotiżmu u bil-klijenteliżmu li jieħdu post il-meritokrazija u l-korrettezza.

Dawn huma wħud mill-kawżi tan-nuqqas ta' għaqda fil-komunità tagħha. Fil-fehma tagħna, huma rifless ta' tnawwir sottostanti tal-valuri meħtieġa għal demokrazija vera u biex komunità ta' nies tgħix f'paċi magħha nnifisha.

Ċertament li mhux kollox għandu din ix-xeħta, u jkollna waqtiet li jixhdu aġir eżemplari fejn jidħlu s-solidarjetà, il-fehim reċiproku u l-koeżjoni soċjali. Madankollu nagħrfu li teżisti ċerta attitudni kulturali sottostanti fejn il-gwadann jisboq kull kunsiderazzjoni oħra: jiġi qabel il-korrettezza, qabel l-aċċess indaqs, u qabel is-sostenibbiltà ambjentali.

Dak it-tnawwir kulturali huwa mmexxi bl-eżempju tal-mexxejja politiċi li fl-aħħar ftit snin inkixfu li ħadu sehem f'attivitajiet illeċiti, ħabirku biex jiġġustifikaw dawk l-attivitajiet u sal-lum, minkejja li nqabdu, irnexxielhom jiżgiċċaw minn kwalunkwe konsegwenza materjali.

Jeħtieġ nindirizzaw għadd ta' kwistjonijiet ewlenin u urġenti:

- ninfurzaw il-liġi mingħajr biża' jew favur, b'mod proporzjonat mar-reat u mhux il-privileġġi li inġustament qed igawdu l-awturi tal-kriminalità;

- inrażżnu l-kostruzzjoni u l-hekk imsejjaħ "żvilupp", nixprunaw il-bidliet fil-komportamenti ekonomiċi u personali, u nbiddlu mill-qiegħ l-ekonomija favur is-sostenibbiltà;

- inħarsu l-ambjent naturali;

- nittrasformaw l-ekonomija tagħna f'waħda msejsa fuq prinċipji etiċi sodi;

- nassenjaw ir-responsabbiltà għall-kawżi u għat-twettiq tal-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, u għall-aġir wara dan l-assassinju;

- niddefinixxu mill-ġdid is-sinifikat li nkunu Maltin, biex ninfetħu u nħaddnu l-bidliet razzjali u kulturali li ġġib magħha l-migrazzjoni;

- intejbu l-mekkaniżmu tad-demokrazija b'separazzjoni tal-poteri u billi niżguraw l-indipendenza tal-istituzzjonijiet; u

- insaħħu l-ħidma tal-Istat Malti li tirristruttura l-qafas tagħna għal solidarjetà soċjali u ekonomika u benesseri għal kulħadd.

Li nindirizzaw dawn il-kwistjonijiet huwa kontroversjali u jaf joħloq nuqqas ta' qbil qawwi u kunflitti, u aktarx ma jissodisfax minnufih l-aspirazzjoni nobbli ta' għaqda nazzjonali.

Iżda jekk nagħlqu għajnejna għal dawn il-problemi, jew saħansitra nipposponu d-dover tagħna bħala komunità li naffaċċjawhom flimkien, inkunu qed niżguraw li nibqgħu nkarkru bihom b'mod indefinit u neqirdu għal dejjem il-koeżjoni tas-soċjetà tagħna li din il-konferenza għandha l-għan li treġġa' lura.

Għalkemm ma jidhrilniex li l-konferenza tal-President qed titlobna, jixraq li jkun ċar u tond għal kulħadd li fl-ispirtu tal-impenn tagħna għall-ġid tal-komunità tagħna, m'aħniex se nehdew fl-isforzi tagħna biex jitwettqu dawn il-bidliet.

Jekk xejn, se nissoktaw nisfruttaw kwalunkwe mezz disponibbli għal organizzazzjoni impenjata fir-rispett tal-liġi, biex inqawwu u nkomplu nxerrdu l-messaġġ tagħna. U se nibqgħu nittamaw li nistgħu nipperswadu lil kemm jista' jkun persuni, nibdew mill-persuna bl-ogħla kariga fil-pajjiż, il-President, li d-dikjarazzjonijiet u l-ġesti tagħha jfasslu l-istandards biex il-komunità tifhem u potenzjalment tingħaqad.

Għaldaqstant, il-kontribut mehmuż qed jippreżenta l-viżjoni tagħna għal "pajjiż magħqud" li nkunu kuntenti ngħixu fih.

L-ebda milja ma tista' tintlaħaq fi żmienna.

Il-perfezzjoni – ekonomika, istituzzjonali, soċjali, politika, personali – hija impossibbli. Il-bidla hija element kostanti għal komunità demokratika li jixirqilha tissejjaħ hekk. Iżda, dan ma jfissirx li ma nistgħux naspiraw għal titjib u li dejjem nersqu lejn għaqda aktar perfetta, jew lejn "a more perfect union" kif isejħulha l-Amerikani.

Tabilħaqq nemmnu li nistgħu nkunu aħjar milli aħna, u ċertament naqblu li lkoll għandna responsabbiltà li naħdmu għal soċjetà aktar koeżiva u aktar rikonoxxenti, b'impenn aktar profond ta' kull wieħed u waħda minna lejn xulxin.

F'dan is-sens, aħna napprezzaw l-inizjattiva tiegħek għax tħeġġiġna naħsbu dwar kif nistgħu nkunu, tħeġġiġna nitolbu l-impossibbli u nistħarrġu modi kif nistgħu naħdmu għal dan il-għan.

Aħna rridu nagħtu l-kontribut tagħna. Il-fehmiet tagħna huma mehmużin ma' din l-ittra.

Huwa privileġġ għalina li jkollna l-opportunità nieħdu sehem f'diskussjoni dwar kif nistgħu nikbru eqreb ta' xulxin.

Jalla tkun waħda dejjiema.

B'rispett,

**Robert Aquilina**
President

**Alessandra Dee Crespo**
Presidenta Eletta

**Sammi Davis**
Segretarja Ġenerali

**Emanuel Delia**
Uffiċjal Eżekuttiv

Mehmuża (2)

# Konferenza tal-2021
# dwar l-Għaqda Nazzjonali

Sottomissjonijiet bil-Miktub

Il-Pjazza tal-Knisja, l-Imqabba MQB 1011, Malta
repubbklika.org

## Qabelxejn, ejjew nfittxu l-verità

Komunità tista' ssejjaħ lilha nnifisha hekk, jekk il-membri tagħha jqisu lilhom infushom li jappartjenu għaliha, u meta dawn ikollhom biżżejjed lessiku komuni mhux mitkellem biex ikunu jistgħu jirrelataw bejniethom u jifhmu lil xulxin mingħajr il-ħtieġa li jispjegaw il-kuntest kollu.

Dan l-eżerċizzju m'għandux l-iskop li jistħarreġ l-hekk imsejħa "komunitajiet mistħajla", li jaqsmu bejniethom tradizzjonijiet, ħafna minnhom maħluqa, jew xi kodiċi artifiċjali iżda riżervat li permezz tiegħu jkunu jistgħu jingħarfu mill-bqija tal-persuni li mhumiex parti mit-tali komunità.

Għall-mument, ejjew inwarrbu l-mistoqsijiet bħal xi jfisser li tkun Malti jew Maltija, x'inhu l-ġens Malti, u jekk hemmx tweġibiet xierqa u kontemporanji għal dawk il-mistoqsijiet fil-memorja u fl-immaġinazzjoni kollettiva tal-poplu Malti.

U f'dan l-istadju, qed nippreżentaw kunsiderazzjoni ferm aktar fundamentali u għalhekk qed nagħmlu mistoqsija aktar universali.

Kwalunkwe komunità – sew jekk Maltija, sew jekk le – jeħtieġ taqbel fuq finzjonijiet bażiċi u taċċettahom bħala realtajiet komuni. Biex nifhmu aħjar, dan il-ħsieb nistgħu nqabbluh ma' munita, ngħidu aħna mal-ewro. Karta tal-€50 hija biċċa karta kkulurita. Iżda f'pajjiż li jaċċetta l-ewro bħala munita, bejjiegħ ta' ħanut ikun lest ipartat il-prodotti tiegħu ma' dik il-biċċa karta, li bħala karta, jekk ninsew is-sinifikat simboliku tagħha skont il-valur nominali, tiswa ferm u ferm inqas minn €50. Il-bejjiegħ tal-ħanut hu kunfidenti li meta jmur jiddepożita dik il-karta f'kont bankarju, il-bank se jirrikonoxxi l-valur nominali tagħha, u mhux l-ispiża biex ġiet stampata dik il-biċċa karta.

Ix-xerrej, il-bejjiegħ u anki l-bank jaqblu u jaċċettaw il-valur ta' €50 mingħajr il-bżonn li jispjegaw lil xulxin kif taħdem il-munita u għalfejn għandhom jafdawha. Dak l-għarfien mhux mistqarr jevita l-kunflitti bejn il-bejjiegħa u x-xerrejja, u b'hekk dik it-tranżazzjoni kummerċjali sempliċi timxi ħarir.

Dil-metafora tgħodd għat-tranżazzjonijiet kollha f'soċjetà. Din tgħidilna wkoll li meta l-membri ta' komunità ma jibqgħux jikkondividu xi għarfien mhux mistqarr dwar l-elementi fundamentali li jirfdu r-relazzjoni tagħhom, għid li se jinqala' l-inkwiet.

Aħna nipperċepixxu apprezzament dgħajjef ta' dak li huwa veru, ta' kif wieħed għandu jagħraf il-veru, ta' kif għandu jiddistingwih minn gidba, u ta' kif għandu jaġixxi u jiddeċiedi, skont ħakma ġenwina tar-realtà. Aħna nisħqu li din mhix problema Maltija biss. Ngħidu aħna, dawk li ħadu sehem fl-irvellijiet fuq il-Capitol tal-Istati Uniti fil-bidu ta' din is-sena, aċċettaw bħala realtà l-gidba li l-kandidat politiku tagħhom kien rebaħ l-elezzjoni u li għaldaqstant kien tneħħa l-valur tal-vot tagħhom. Skonthom, l-irvellijiet kienu dover morali msejsa fuq dak li huma jifhmu li hu veru.

Din mhix problema Maltija biss. Iżda hi problema Maltija wkoll.

Fit-2 ta' Diċembru 2019, inġabret folla ta' partitarji attivisti quddiem il-Kwartieri Ġenerali tal-Partit Laburista fil-Ħamrun biex turi l-appoġġ tagħha lill-gvern u lill-Prim Ministru. Konrad Mizzi, li kien għadu kemm irreżenja bid-diżunur ftit ġranet qabel, attenda l-protesta u ntrefa' fuq l-ispallejn daqslikieku kien xi eroj. Dan il-każ kien eku taċ-ċelebrazzjonijiet tal-partitarji Laburisti f'Ġunju 2017 quddiem il-Pilatus Bank li aktar tard kellu jingħalaq minħabba ħasil tal-flus ta' skala industrijali.

Dawk il-partitarji aġixxew b'dak il-mod għax tassew emmnu li Konrad Mizzi kien vittma ta' xi tip ta' komplott politiku, u li dak li kitbet "ġurnalista Nazzjonalista" dwar il-Pilatus Bank kien biss frott l-immaġinazzjoni isterika tagħha. Dawn ġew mitmugħa gidba u ma kellhomx il-mezz u l-ħila biex jindunaw li kienet gidba.

Aktar importanti minn hekk, in-nies ta' dan il-pajjiż ma jistgħux jaqblu li l-qtil ta' ġurnalista talli wettqet xogħolha huwa ħażin, u li l-ġudizzju jkun raġonevoli biss jekk isir mingħajr kwalifika u riżerva. Fix-xhieda tiegħu quddiem l-Inkjesta Pubblika dwar il-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, Joseph Muscat semma' leħnu tliet snin wara dan l-assassinju dwar kemm sofra minħabba l-kitbiet tagħha. Ħafna membri ta' din il-komunità jibqgħu jemmnu li l-kritika min-naħa ta' ġurnalista hi aktar terribbli minn assassinju b'karozza bomba. Dan għax il-ġudizzju huwa bbażat fuq il-gidba li b'xi mod, jew għallinqas parzjalment, Daphne kien ħaqqha dak li ġralha.

In-nuqqas ta' aċċettazzjoni tal-verità, jew in-nuqqas ta' rieda li nirrikonoxxuha, huma l-għeruq tal-polarizzazzjoni estrema f'dan il-pajjiż. Jidhrilna li wasal iż-żmien li naffaċċjaw ir-realtà mwiegħra li dan il-fattur fundamentali tal-firda qed joħloq, u l-konsegwenzi ta' mibegħda u ċaħda bla ġustifikazzjoni li dan qed jikkawża.

L-Istat Malti naqas meta ħeba l-verità biex jakkomoda l-interessi politiċi jew personali ta' dawk li kienu qed imexxuh.

L-Istat hu fid-dmir li jonora lil dawk li jitilfu ħajjithom fis-servizz tal-komunità. Ġurnalista li nqatlet talli kixfet il-korruzzjoni jeħtieġ titqies bħala eżempju erojku li jnebbaħ lill-ġenerazzjonijiet futuri biex jaqdu lill-komunità tagħhom bl-impenn u bl-involviment.

Fil-każ ta' Daphne Caruana Galizia, l-Istat Malti għadu ostili għal ħidmitha u għall-memorja tagħha, u għadu vag u jevita l-kundanna kkwalifikata tiegħu għall-assassinju tagħha. Inevitabbilment, dan il-falliment ieħor tal-Istat Malti, minnu nnifsu jnissel il-firda.

Meta l-Istat jinjora attivament l-assassinju ta' ġurnalista sempliċiment minħabba l-investigazzjonijiet tagħha dwar il-korruzzjoni fl-ogħla kurituri tal-poter, l-Istat ikun parteċipi f'din il-firda.

Mingħajr dubju, ikun ammirabbli li nisperaw li nistgħu ma naqblux b'mod aktar rispettuż, li nistgħu nitkellmu b'aktar kontroll, u li nistgħu nsibu modi aktar ġentili kif nagħrfu t-travu f'għajnejn ħaddieħor. Iżda tajjeb niċċaraw li hawn, it-tħassib ewlieni mhux dwar il-kwalità tal-lingwaġġ użat fil-konverżazzjonijiet, iżda dwar kemm nistgħu nkunu mbiegħda qabel u wara xi tip ta' argument, fil-qafas tad-demokrazija, dwar dak li jseħħ f'pajjiżna.

Impossibbli naslu għal kompromess xi mkien fin-nofs dwar il-mistoqsija jekk l-assassinju ta' ġurnalista hux skużabbli jew le.

Il-valur tas-sewwa u tal-korrettezza jeħtieġ jinftiehem mingħajr il-bżonn ta' dibattitu, biex id-dibattitu fuq il-politiki dwar il-"kif" se nipproteġu s-sewwa u nikkastigaw il-ħażin ikollu siwi, biex ma nsemmux ċiviltà.

1

## Imbagħad, irridu ntennu l-valuri tagħna

Repubblika m'għandha l-ebda jedd tiddetermina x'inhu sewwa u x'mhuwiex, u li tiddeċiedi għall-bqija tal-pajjiż daqslikieku din tagħha hi xi domma mis-sema. Ħafna minna kibru fit-tagħlim tar-reliġjon u f'xi waqtiet minn ħajjitna, ilkoll tajna widen lill-boxxla etika tagħna; għalkemm hija karatteristika notevoli tal-kundizzjoni tal-bniedem li nissorprendu ruħna bil-kapaċità tagħna li ninjorawha.

Iżda konferenza dwar l-għaqda nazzjonali se tfakkarna bla dubju fl-aktar dgħjufijiet kollettivi evidenti tagħna.

Hija cliché li nfakkru li l-wirt kolonjali tagħna rawwem fina l-mentalità li kwalunkwe spazju 'l barra mid-dar tagħna mhuwiex fir-responsabbiltà individwali tagħna; li nistgħu nieħdu mill-ġid komuni mingħajr rimors jew bla rażan għax fil-prinċipju, dak mhu ta' ħadd.

Hija cliché wkoll li l-kultura Mediterranja tagħna tridna ngħixu l-ħajja pubblika u l-ħajja privata tagħna b'kodiċi tal-etika differenti. Filwaqt li l-familja tagħna titlob minna sagrifiċċju personali, impenn sħiħ u altruwiżmu infinit, il-ħajja barra mill-familja hija tellieqa mingħajr regoli li s-suċċess tagħha jitkejjel biss bil-kisba tal-għana u tal-istatus. Id-destinazzjoni tat-tellieqa tal-ħajja pubblika hi li jkunu żgurati l-interessi tal-familja ta' dak li jkun, u li għal dak il-għan, kollox hu ġust u xejn mhu pprojbit.

Lil hinn mill-clichés, meta d-diskors fuq l-għaqda nazzjonali jitbiegħed mill-awtokritika u mit-tiftix tar-ruħ, it-tendenza tkun li nsibu komfort fi clichés oħrajn. Li l-"Maltin" qalbhom tajba għax jiksru r-rekord sena wara l-oħra fil-maratoni tal-ġbir ta' fondi, hu l-aktar eżempju ovvju ta' ftaħir kollettiv u sodisfazzjon nazzjonali żejjed.

Dan aħna narawh ironiku għax jidhrilna li d-dipendenza fuq il-maratoni hija evidenza tal-falliment tal-komunità tagħna li tipprovdi servizzi soċjali lill-persuni fil-bżonn bħala dritt u mhux bħala att ta' karità nieqes mid-dinjità. Bi ftit mill-flus li l-kriminali finanzjarji jisirqu minn but il-poplu tinkiseb somma ferm akbar minn dak li kapaċi jiġbru l-maratoni.

Bħal fil-każ tal-verità, l-isfida li ntennu l-valuri tagħna mhijiex, fil-fehma tagħna, sfida partikolarment "nazzjonali". Hija sfida universali, bħalma l-valuri huma universali.

Ħafna drabi nimmodifikaw "interess" bl-aġġettiv "nazzjonali" biex niġġustifikaw l-iżvijar mill-intwizzjoni etika favur xi obbligu morali ogħla li nservu lil Malta l-ewwel u qabel kollox. "Pajjiżna l-ewwel, sewwa jew mhux" tistqarr grad morali ogħla minn "Il-familja l-ewwel, sewwa jew mhux". Abbażi ta' din il-ġerarkija morali, l-interess "nazzjonali" jissupera l-kompassjoni, is-solidarjetà, l-impenn, is-sostenibbiltà, il-ġenerożità u l-involviment.

Jekk nitnebbħu inqas mill-"interess" u nitmexxew aktar mill-boxxla etika waħdanija li nafu sew, irrispettivament minn jekk dak il-kodiċi jkunx qed imexxi r-relazzjonijiet personali, soċjali jew internazzjonali tagħna jew tal-familja tagħna, nistgħu niskopru li l-akbar bidla fl-attitudni tagħna tkun biex nifhmu li l-persuni l-oħra ma jeżistux sempliċiment biex jeħdulna l-affarijiet.

Il-politika tal-"interess" tiġġustifika pereżempju r-razziżmu. Pubblikazzjoni kkulurita li tqassmet dan l-aħħar fi djarna mill-Ministru responsabbli għas-sigurtà nazzjonali kienet tinkludi stampa waħda b'persuni suwed. Fiha jidhru qed jiġu imbuttati fuq ajruplan għal ripatrijazzjoni bil-forza barra mill-pajjiż.

L-azzjoni ġiet ippreżentata li taqdi l-"interess nazzjonali". Apparentement, l-interess nazzjonali hu moqdi aħjar jekk ikollna inqas persuni suwed fostna, sakemm dak l-interess ma jkunx moqdi billi nħaddmuhom f'xemx taqli l-ankri kif kien qal eks Prim Ministru ta' pajjiżna, jew billi nużawhom bħala ħrief tas-sagrifiċċju waqt pandemija li ma kkaġunawx huma. Dak il-valur jixhed il-preġudizzju razzjali, u l-qilla u l-vjolenza li jintużaw biex dan joħroġ fil-beraħ, b'azzjonijiet li jvarjaw minn diskriminazzjoni istituzzjonalizzata għal abbuż fiżiku u verbali fit-triq.

## Is-simboli huma biss simboli

F'xi reliġjonijiet, il-fidili jiġu mgħallma joqogħdu attenti biex ir-rappreżentazzjonijiet artistiċi tad-divin ma jsirux divini huma stess. Il-kult sekulari tas-simboli nazzjonali hu vulnerabbli għall-istess riskju.

Konferenza dwar "l-għaqda nazzjonali" aktarx se tħeġġiġna nirrispettaw il-bandiera nazzjonali, l-innu nazzjonali u l-istituzzjonijiet tal-pajjiż.

Bħalma jissuġġerixxi isimna, Repubblika ma tissottovalutax l-importanza ta' din l-ikonografija. Kull waħda mill-attivitajiet pubbliċi li torganizza Repubblika tintemm bl-innu Malti; filwaqt li l-kuluri nazzjonali u l-bandiera jidhru b'mod prominenti, u s-simboli kienu u għadhom stmati b'rispett u b'dinjità.

Dan mhux għax is-simboli jixirqilhom dik id-dinjità minnha nnifisha. Dawn m'għandhom l-ebda valur minnhom innifishom. Madankollu dawn jirrappreżentaw ir-repubblika, u l-valuri li nemmnu li għandhom jagħnu lir-repubblika u li tant naspiraw. Infatti, li nkantaw l-innu nazzjonali ma jfissirx biss li "kburin" bir-repubblika tagħna. Huwa att ta' "protesta" għax nemmnu li r-repubblika ta' żmienna mhix dik li nittamaw li tkun.

Ma naqblux li dan il-mod ta' ħsieb huwa b'xi mod nieqes mir-rispett jew mhux xieraq f'"nazzjon magħqud". Repubblika tkun tassew demokratika u "magħquda" jekk in-nuqqas ta' qbil u l-protesta fi ħdanha jitħallew isiru b'mod liberu u fil-miftuħ mingħajr tpattija jew kastig. Dak il-valur – ta' dibattitu miftuħ, ta' nuqqas ta' qbil u ta' protesta – hu ferm akbar minn dak li xi simbolu nazzjonali jirrappreżenta. Jekk dik is-sekwenza tinqaleb – jekk is-simboli jsiru aktar importanti mid-dritt ta' nuqqas ta' qbil u ta' protesta kontra l-Istat li fih ifakkruna dawk is-simboli, u kontra l-azzjonijiet ta' dawk li jmexxuh – ma nkunux qed niżguraw "l-għaqda". Inkunu qed nezaltaw "l-oppressjoni".

Minkejja li huwa sewwa li l-pajjiż jagħraf lilu nnifsu fil-bandiera tiegħu, fl-innu nazzjonali tiegħu u fis-simboli tiegħu, li nidolizzawhom mhix biss eżaġerazzjoni. Hija periklu.

## Il-lok għall-Kostituzzjoni

Is-simboli huma aktar faċli li tagħrafhom u ssir midħla tagħhom, iżda fil-qalba ta' repubblika li tiffunzjona hemm il-liġijiet tagħha, u l-ogħla fosthom hi l-Kostituzzjoni. Minqux fil-Kostituzzjoni hemm il-patt miftiehem bejn il-komunità u dawk li din tagħżel minn ħdanha biex imexxuha. Il-kuntratt jiddefinixxi s-setgħat delegati billi jistabbilixxi l-limiti tagħhom u l-konsegwenzi jekk jinqabżu jew jiġu mminati. U l-aktar limitu espliċitu hu s-sett ta' drittijiet inaljenabbli li jgawdi kull bniedem – mhux sempliċiment kull ċittadin – li għal xi raġuni jkollu jaffaċċa t-tħaddim ta' dik is-setgħa delegata mill-awtoritajiet tal-Istat Malti.

Minkejja li hi tant kruċjali għall-ħajja demokratika tagħna, ir-relazzjoni tal-komunità Maltija mal-Kostituzzjoni tagħna hija ambigwa ferm. Ħafna minn uliedna qed itemmu l-iskola obbligatorja mingħajr għarfien bażiku dwarha. Il-bidliet fiha jiġu ttrattati relattivament b'mod informali mingħajr riflessjoni jew dibattitu nazzjonali.

U dan hu diżappunt kbir għalina. Il-Kostituzzjoni jeħtieġ tkun il-liġi bażika tagħna li lkoll naqblu dwarha. Hija l-kolla li twaħħad il-minoranzi u l-maġġoranzi tal-komunità. Tiżgura li l-minoranzi jħossuhom irrappreżentati fid-deċiżjonijiet li tieħu l-maġġoranza f'isimhom u fl-interess tagħhom. Ferm aktar ovvju mill-bandiera jew mill-innu, il-Kostituzzjoni jeħtieġ tkun is-serħan tal-moħħ tal-minoranzi kollha li għandhom opinjoni, anki jekk tkun minorità.

Iżda kostituzzjoni li tissodisfa din il-missjoni jeħtieġ tkun magħrufa sew mill-komunità li din tirregola. Il-komunità jeħtieġ tkun tafha, tifhimha, u tkun kapaċi tixpruna ċerti bidliet fiha biex iżżommha rilevanti għaż-żminijiet.

Għaldaqstant, l-iskossi u l-posponimenti għal bosta snin tar-riforma Kostituzzjonali huma frustranti u kull darba qed tintilef l-opportunità għal diskussjoni fil-pajjiż kollu dwar kif din il-komunità trid li titmexxa.

Fl-2019, Repubblika ressqet proposti għal dibattitu nazzjonali trasparenti u miftuħ dwar il-bidliet Kostituzzjonali. Aħna investejna l-attenzjoni tagħna fuq il-proċess, ippreżentajna rakkomandazzjonijiet għal parteċipazzjoni pubblika mill-aktar wiesgħa u biex id-diskussjoni dwar ir-riforma ma ssirx bi ftehimiet minn wara l-kwinti bejn il-partiti politiċi, iżda toħroġ fil-pjazez pubbliċi ta' pajjiżna.

Minflok, fil-frattemp, il-bidliet fil-Kostituzzjoni qed isiru bis-sulluzzu u bla konsultazzjoni – aħseb u ara parteċipazzjoni – pubblika b'turija xejn dinjituża ta' dilettantiżmu. Qas irridu nemmnu li f'Lulju 2020, il-membri parlamentari vvutaw unanimament għal bidliet Kostituzzjonali li ġew deċiżi ftit minuti qabel il-vot u li kienu qrawhom ġranet wara li kienu diġà għamluhom liġi.

Dak il-disprezz tal-liġi bażika tagħna, u n-nuqqas ta' dekor fil-mod kif il-mexxejja politiċi jittrattawha, iċaħħad lill-komunità tagħna mill-għodod tant meħtieġa biex tfassal hija stess ir-regoli bażiċi li naqblu dwarhom ilkoll, u li tul dak il-proċess titħalla tiddibatti, u jekk hemm bżonn ma taqbilx, b'mod paċifiku.

1

# In-natura tad-dibattitu tagħna

Il-polarizzazzjoni hi l-proċess li jiġbor kull perspettiva possibbli f'żewġ estremi opposti li jeskludu lil xulxin. Is-sistema ta' żewġ partiti li titħaddem f'Malta tiżgura li dan jiġri wkoll fil-politika tagħna, iżda hija rifless ta' kif issir ħafna mill-attività nazzjonali tagħna. Kważi kollox bi tnejn: każini tal-banda rivali, kmamar tan-nar rivali, klabbs tal-futbol rivali. Din il-konfrontazzjoni dijalettika għandha l-vantaġġ li tkun sempliċi, faċli biex tinftiehem, u tipprovdi għażla relattivament faċli bejn żewġ alternattivi. Madankollu, ħafna drabi tissogra li tissimplifika żżejjed kwistjonijiet aktar kumplessi u fini.

Biex xi waħda miż-żewġ alternattivi f'dibattitu jirnexxilha tisboq lill-oħra, din jeħtieġ tissimplifika dawk il-finezzi, twarrab id-dubji persistenti min-nofs, tevita li tikkunsidra alternattivi oħra, u meta jkun għoddha se titlef l-argument, tagħżel li ddur għaċ-ċapċip u t-tixjir tal-bnadar minflok tħalli l-pożizzjoni tagħha tevolvi.

Il-polarizzazzjoni hija l-għadu tal-pluraliżmu. Għalkemm il-pluraliżmu, mad-daqqa t'għajn, jidher aktar frammentat u jippreżenta aktar alternattivi, l-għażla u d-deċiżjoni jaf ikunu ferm aktar diffiċli milli kieku kienu bejn tnejn. Diskors li ma jkunx sempliċiment iswed jew abjad jagħti aktar lok għas-sottilezzi.

Jekk huwa minnu li l-problema mhix relatata man-nuqqas ta' qbil politiku, iżda mal-qilla intolleranti li jużaw dawk iż-żewġ naħat tad-diżgwid biex jesprimu l-pożizzjoni tagħhom, allura l-pluralità tal-alternattivi u tal-vuċijiet, b'aġenda, b'enfasi u b'kunsiderazzjonijiet differenti, jaf toħloq dibattitu aktar ċivili.

Din teħtieġ sforz trasformattiv nazzjonali li jaħseb lil hinn mill-fehmiet dojoq li jippreżentaw iż-żewġ partiti politiċi. Teħtieġ il-ħsieb kritiku, u parteċipazzjoni politika li la tkun ibbażata strettament fuq xi interess jew settur partikolari, u lanqas ma taqdi l-interessi ta' xi wieħed mill-partiti politiċi. Jeħtieġ tagħti lok għall-parteċipazzjoni pubblika, anki b'mezzi li kienu xi ftit jew wisq standard fil-passat u li maż-żmien ingħataw il-ġenb, bħall-green u l-white papers, il-laqgħat ta' djalogu pubbliku miftuħ, is-seduti effettivi ta' smigħ pubbliku, u l-bqija.

Dawn il-proċessi jaf ikunu jaħarqu, iżda dibattitu li jinħoloq bi skambji strutturati u li ma fihx "rebbieħa" jew "telliefa" bħala l-uniċi eżiti possibbli għal dawk li jieħdu sehem fih, hu sempliċiment it-tip ta' nuqqas ta' qbil li jagħni lill-komunità fi triqitha lejn il-maturità.

Mingħajr parteċipazzjoni pubblika fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, minoranza kbira fil-pajjiż tibda tipperċepixxi l-istrutturi tal-Istat bħala bieb dejjem magħluq. Irrispettivament minn kemm tħosshom xierqa, din qatt ma jkollha l-opportunità ssemma' leħinha dwar fehmietha u qatt ma jkollha l-possibbiltà li tipperswadi lill-maġġoranza li tkun qed tiggverna biex tbiddel d-deċiżjonijiet tagħha.

B'hekk jinħolqu ċertu nuqqas ta' fiduċja, ċertu distakkament u s-sentiment li d-dibattitu ċivili – bl-argumenti, bl-evidenza u b'tentattiv sinċier tal-persważjoni – huwa inutli. L-unika alternattiva hija s-sodisfazzjon relattiv tal-espressjoni tar-rabja b'insulti u eventwalment b'mibegħda sfaċċata.

Aħna nifhmu r-raġunijiet għalfejn il-President qed jinsisti li l-konferenza li qed iniedi tevita diskussjonijiet dwar il-politika partiġġjana. Dawn ir-raġunijiet huma relatati mill-qrib mal-kariga Kostituzzjonali tiegħu u anki ma' xewqa ġenwina li ma jidhirx li qed jissuġġerixxi li m'għandux ikun hemm nuqqas ta' qbil politiku.

Madankollu, aħna tal-fehma li l-metodi li jużaw il-partiti politiċi biex iwettqu ħidmiethom huma kawża ewlenija għal din it-tip ta' vjolenza verbali, psikoloġika u materjali li l-President jixtieq li l-komunità tiegħu tegħleb.

Aħna m'aħniex marbutin bil-limiti Kostituzzjonali tal-President, u għalhekk insibuha eħfef li nisfidaw il-metodi tal-partiti politiċi tagħna.

## Il-lingwaġġ użat

Aħna nikkondividu t-tħassib tal-President dwar it-tnawwir tal-lingwaġġ użat fil-miftuħ b'referenza għal bnedmin oħra li jagħti x'jifhem li n-nies jaħsbu li xi ħadd hu inqas minn bniedem. L-attakk kontra d-dinjità umana ta' Daphne Caruana Galizia hu l-aktar eżempju drammatiku ta' dan, l-aktar għax kif semgħet l-Inkjesta Pubblika dwar l-assassinju tagħha,

l-isforz biex Daphne tiċċaħħad mid-dinjità umana tagħha kien immexxi minn aġenti tal-Istat Malti. Għalhekk kien loġiku li l-pass li jmiss ikun li tiċċaħħad minn ħajjitha stess.

Għalkemm il-każ ta' Daphne hu wieħed mill-aktar estremi, dan mhux l-uniku wieħed. Saret drawwa li n-nies isejħu għat-tortura jew għall-qtil ta' persuni oħra fuq il-midja soċjali. Dawn id-dikjarazzjonijiet għandhom oġġettivament jitqiesu orribbli u jiġu mistmerra, iżda minflok ftit li xejn għadna sensittivi għalihom.

Bħal fil-każ ta' Daphne Caruana Galizia, l-eżempju jagħtuh l-ewwel l-opinjonisti u l-influwenzaturi.

Anness ma' dan id-dokument, qed nehmżu l-eżempju nebbieħi tal-Karta ta' Assisi, miktub mill-Federazzjoni Taljana tal-Organizzazzjonijiet tal-Ġurnalisti (l-FNSI), Amnesty Italia u bosta rappreżentanti ta' knejjes u denominazzjonijiet.

Din il-Karta sservi ta' manwal għall-kittieba, sew jekk ikunu ġurnalisti professjonali u sew jekk ikunu parteċipanti f'diskussjonijiet komunitarji fuq xi blogs, kummentarji, midja soċjali u l-bqija. Dan jaf ikun kontribut siewi għall-eżitu finali tad-deliberazzjonijiet tal-konferenza.

## Il-miri ovvji

Il-Karta ta' Assisi għandha ambitu wiesa', iżda ħarsa mill-qrib lejn it-test tagħha (ara l-Anness) turi sensittività partikolari għal-lingwaġġ użat fit-taħdit formali, fil-ġurnaliżmu u fil-midja soċjali mill-kummentaturi, b'rispett lejn il-migranti jew lejn il-persuni li jappartjenu għal minoranzi etniċi, razzjali jew reliġjużi.

Hemm ir-riskju li d-diversi referenzi għall-identità Maltija, it-tradizzjonijiet, il-kultura, il-lingwa u l-mod tal-ħajja tal-Maltin, jikkontribwixxu għal din id-delineazzjoni li tifred u tibni l-ħitan bejn il-persuni li kif sewwa u xieraq jappartjenu għall-istess komunità.

Dan id-diskors imlellex, awtoreferenzjali u awtokongratulatorju li jiddeskrivi l-Malta tal-kartolini huwa miżgħud ineżattezzi konvenjenti.

Qatt ma kien hemm żmien meta li "tkun Malti jew Maltija" ifisser xi ħaġa li ma tinbidilx. Il-pezza etnika tal-popolazzjoni tal-gżejjer Maltin hija nisġa ta' saffi fuq xulxin ta' ġenerazzjonijiet ta' immigranti, kolonizzaturi, abitanti ta' insedjament, u baħħara.

L-ilsien Malti hu ferm aktar riċenti mill-istorja tal-gżejjer, u nbidel maż-żmien skont saffi ta' influwenzi li biddlulu s-sintassi, il-lessiku u l-użu tiegħu. Qatt ma kien l-uniku lsien mitħaddet fil-pajjiż, jew l-ilsien ippreferut mill-abitanti kollha tal-gżira.

Il-kulti u s-simboli tal-identità tagħna bħala ġens huma riċenti daqs "it-tradizzjonijiet maħluqa" u "l-komunitajiet mistħajla" tan-nazzjonijiet Ewropej tas-seklu 19 u immaġinati mill-ġdid bis-sentimenti antikolonjali tas-seklu li għadda.

M'hemmx għalfejn ngħidu, iżda, li l-lingwa, l-idjoma u l-letteratura Maltija, il-folklor Malti, il-gastronomija, l-espressjoni popolari tal-fidi, l-arti indiġena, l-arkitettura vernakulari tagħna u l-bqija huma partimonju, wirt imprezzabbli li aħna fid-dmir inħarsu u nġeddu għall-ġenerazzjonijiet ta' għada. Din hija responsabbiltà tagħna bħala komunità li għaddewlna missirijietna u l-ġenerazzjonijiet riċenti tagħna, li aħna neħduha bis-serjetà ħafna.

Aħna mħassbin li dan il-wirt qed jintuża bħala skuża bla bażi biex l-arrikkiment b'novitajiet tal-kultura ta' dawn il-komunitajiet jiġu esklużi minħabba xi sens żgwidat ta' purità jew agħar minn hekk, minħabba nostalġija għal imgħoddi tad-deheb li qatt m'eżista. Ħafna drabi, fid-diskors uffiċjali u popolari, il-pluralità tar-razez, tal-lingwi, tal-kulturi u tat-twemmin tiġi ppreżentata bħala għamla ta' deġenerazzjoni jew degradazzjoni ta' xi tip ta' bjuda safja li teżisti biss fl-istħajjil tagħna.

Abbażi ta' dan l-isforz biex jitħares dak li qatt m'eżista verament, jitħaddmu politiki diskriminatorji u atroċi li jikkaġunaw tbatijiet lil persuni li kienu joħolqu għajb kieku kellhom isiru fil-konfront ta' persuni oħra perċepiti bħala "Maltin".

Żgur li ma jgħaddix mingħalina li l-gvern Malti jordna lill-armata twebbes rasha għal bosta jiem u tinjora sejħiet għall-għajnuna minn persuni li kienu qed jegħrqu fiż-żona ta' tiftix u salvataġġ Maltija, li kieku dawk il-persuni kien kunjomhom Borg, Muscat jew Camilleri. Żgur li l-lockdown tal-COVID ma kinitx titqies bħala raġuni valida biex ċertu Joseph Borg ta' 17-il sena jitħalla jegħreq mingħajr tentattiv li nsalvawh.

Kieku dixxendenta Maltraljana ta' migranti fl-Awstralja, ngħidu aħna żagħżugħa ta' 16-il sena, tinqabad taħdem f'bar fil-bajja ta' San Ġiljan mingħajr il-permess għax skaditilha l-viża, żgur li ma jiġix f'moħħ l-awtoritajiet li jsakkruha fiċ-ċentru ta' detenzjoni ta' Ħal Safi għal ma nafx kemm żmien. U kieku kellu jidher ritratt tagħha mmanettjata u sfurzata tidħol ġo ajruplan tal-Airmalta minn żewġ uffiċjali tal-immigrazzjoni, żgur li tinħoloq ir-rabja fost il-poplu. U kieku jfeġġu rapporti li sfat vittma ta' tortura waqt id-detenzjoni tagħha qabel ir-ripatrijazzjoni, issir pressjoni fuq pressjoni biex dan il-każ jiġi investigat kif xieraq.

Fi ftit kliem, il-politika pubblika hija mfassla u mwettqa min-naħa u tollerata u mfaħħra mill-pubbliku min-naħa l-oħra, purament għax is-suġġetti – jew aħjar, il-vittmi – ta' dawk il-politiki huma suwed.

It-tikkettar tal-bniedem l-ieħor, sew jekk għax iswed u sew jekk għax ta' razza, lingwa jew reliġjon oħra, li ma jkunx il-bniedem kif mifhum b'mod komuni, popolari u arkajku li jikkwalifika għat-tikketta ta' "Malti" jew "Maltija", u li għalhekk għandu l-privileġġi u l-protezzjoni esklussivi li l-Istat Malti jagħti lil dawk li jikkwalifikaw għalihom, hu bażi uffiċjali għal politika diskriminatorja u distintiva li l-Istat Malti qed jirrifjuta li jindirizza.

Ejja nsemmu għall-argument, il-migranti li għexu f'pajjiżna minn nofs l-2000ijiet, li ħadmu hawn u ħallsu t-taxxa u l-assigurazzjoni, li bnew ħajjithom u taw ħajja lil uliedhom u li jqisu lil Malta bħala d-dar tagħhom. Dan għamluh b'rikonoxximent uffiċjali skont il-liġi Maltija, u b'rispett sħiħ tagħha.

Iżda fi tmiem l-2020, b'notifika ta' 4 ġimgħat, il-gvern eżerċita d-diskrezzjoni tiegħu biex jirtira dak ir-rikonoxximent formali b'mod unilaterali. Ir-residenti milquta ntalbu jipprovdu evidenza impossibbli biex jiġġustifikaw is-soġġorn kontinwu tagħhom f'Malta, jiġifieri effettivament qalulhom li ma kienx għadhom milqugħin fostna u jeħtieġ jitilqu. Wara 15-il sena f'pajjiżna, ħafna minnhom tgħallmu l-lingwa tagħna, kellhom it-tfal u mxew minn impjiegi menjali għal pożizzjonijiet li kienu kkwalifikati fihom. Għalihom qisu, meta ggradwaw mill-ġbir taż-żibel jew mill-waqgħat mill-għoli fis-siti tal-kostruzzjoni, qalulhom biex jitilqu mill-uniku pajjiż li wliedhom jafu bħala darhom.

Is-snin li qattgħu f'Malta kienu biss snin mislufa b'mod temporanju, madanakollu huma ma kinux jafu b'dan qabel saru jafu li skadilhom iż-żmien.

Minkejja l-ħafna diskorsi biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-Kunsill tal-Ewropa u tal-Kummissjoni Ewropea, f'Malta ma teżisti l-ebda politika ta' integrazzjoni.

U hemm daqsxejn konfużjoni dwar xi tfisser integrazzjoni. Aħna nistgħu insemmu affarijiet li mhijiex.

*Mhijiex assimilazzjoni*, tranżazzjoni min-naħa waħda li titlob lill-immigranti jinsew min huma u mnejn ġew, biex jiġu inkorporati u anonimizzati f'idea uffiċjali u immutabbli ta' xi jfisser li tkun Malti jew Maltija.

*Mhijiex tolleranza* li tibni ċint tat-tajjar madwar l-immigranti daqslikieku l-preżenza tagħhom hi waħda temporanja u, sakemm tibqa' fostna, aljena bid-definizzjoni; u peress li nzertat differenti mill-idea uffiċjali ta' xi jfisser li tkun Malti jew Maltija, f'Malta hija waħda bilfors barranija u inferjuri.

*Mhijiex kwalifikata*, kemm jekk b'diskriminazzjoni formali jew inkella b'xi inġustizzja konsegwenzjali. Bħal ngħidu aħna l-impożizzjoni tar-rekwiżit tal-lingwa Maltija għall-impjiegi li ma jeħtieġux dik il-ħila, bħala filtru abilitanti u bħala skuża biex jitħallaw barra immigranti eliġibbli.

*Mhijiex revokabbli*. L-eżilju mhuwiex kastig li jingħata legalment lil persuni perċepiti bħala Maltin, irrispettivament minn kemm ikunu serji r-reati tagħhom. L-eżilju iżda hu kastig li jiżdied mal-miżuri punittivi standard meta l-ħati jkun "barrani" irrispettivament minn kemm tkun profonda r-rabta tiegħu ma' Malta.

*Ma titnaqqasx.* Il-migranti jibqgħu esklużi mill-ħajja demokratika u pubblika irrispettivament mill-bqija tad-drittijiet li jingħataw. Jitqiesu li mhumiex eliġibbli għar-rwoli ewlenin fil-lokalitajiet fejn jgħixu jew fil-komunità inġenerali. M'għandhomx il-jedd tal-vot. M'għandhomx il-jedd ta' sehem ġust ta' influwenza fil-materji pubbliċi.

Kwalunkwe messaġġ ta' "għaqda nazzjonali" li jinjora d-destin tal-migranti u li jċaħħadhom mill-possibbiltà li jieħdu sehem u jagħtu sehem ta' influwenza fil-komunità inġenerali, ikun qed jifrex huwa stess il-pedamenti għal esklużjoni, qasma u firda.

Minkejja li mhux il-migranti biss huma l-vittmi tal-lingwaġġ krudili u tal-vjolenza li jħassbu lill-President, il-migranti huma l-aktar vittmi li ilhom iġarrbu dawn l-attakki u bl-aktar mod

frekwenti u kattiv. Uħud minnhom saħansitra tilfu ħajjithom. Oħrajn huma mhedda kontinwament minn azzjoni tal-Istat li ċċaħħadhom mill-istabbiltà u mid-dinjità li kull bniedem għandu d-dritt li jgawdi. Ilkoll qed jisfaw vittmi tad-diskriminazzjoni u sikwit isibu min jgħajjarhom jew iħebb għalihom.

Ir-razziżmu hu mkaxkar bl-eżempju tal-mexxejja tal-politiċi, u għalhekk il-ġlieda kontra r-razziżmu trid tibda bi trasformazzjoni ta' għemilhom.

## Il-ġid komuni

Il-mexxejja politiċi jridu jwettqu bidla fundamentali oħra. Minflok ma jaqdu l-interessi privati skont min jiflaħ iħallas l-iżjed biex jinfluwenza l-politiki tagħhom, il-mexxejja politiċi jridu jiftakru li f'repubblika, ir-rwol tagħhom hu li jħarsu u jseddqu l-ġid komuni.

Fix-xhieda tiegħu quddiem l-Inkjesta Pubblika dwar il-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, Joseph Muscat iġġustifika r-relazzjoni tiegħu ma' Yorgen Fenech – il-persuna li qed tiġi akkużata li hija l-moħħ wara l-assassinju – bħala mod "normali" ta' kif jaħdem il-gvern.

Huwa "normali" għall-eks Prim Ministru li l-persuni b'kariga pubblika jkollhom relazzjoni diretta, ta' ħbiberija u mill-qrib ma' negozjanti ewlenin. "Normali" tinstema' ġustifikazzjoni mitiganti. Iżda Joseph Muscat ried jippreżentaha bħala rekwiżit għall-impjieg, bħala mudell tal-aqwa prattika għall-gvernijiet. Aktar qabel, hu saħansitra qal b'wiċċu minn quddiem li qabbad "persuna li tifhem fin-negozju u mhux social worker" bħala l-assistent personali tiegħu.

Irrispettivament minn fehmietna dwar l-għażla tal-mistednin li jagħmel Prim Ministru għall-avvenimenti soċjali li jorganizza, l-oġġezzjoni tagħna għal dan l-oligarkiżmu hi msejsa fuq il-fatt li r-relazzjonijiet li l-Ministri jkollhom ma' interessi fin-negozju jidher li jispjegaw kif id-deċiżjonijiet ta' politika fil-pajjiż jittieħdu biex jaqdu l-interessi ta' persuni f'din il-klikka "normali" ta' ħbieb tal-mexxejja politiċi.

Naturalment, din tmur ferm lil hinn mill-mistednin għall-ikliet. L-interessi tal-flus jiffinanzjaw lill-partiti politiċi u l-kampanji tal-kandidati. Dawn ikollhom influwenza sporporzjonata fuq dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet. Infatti, biex jibqgħu fil-kariga tagħhom, dawk li jieħdu d-

deċiżjonijiet jiddependu fuq il-kontribuzzjonijiet kontinwi tad-donaturi. Jekk għal xi raġuni, xi politiċi jinfatmu mid-donaturi tagħhom, l-elit sinjurun malajr idur għal art għammiela ta' qaddejja politiċi differenti.

Maż-żmien dan wassal għat-tnawwir tal-ġid komuni, li l-privatizzazzjoni tiegħu għandha tkun ta' kulħadd: l-arja nadifa, il-baħar, l-ispazji miftuħa, l-art pubblika, il-pajsaġġ, il-kampanja. B'influwenza fuq il-leġiżlazzjoni u fuq l-amministrazzjoni, l-elit ta' Malta jagħti lagħqa żebgħa ta' legalità lill-aktar serq sfaċċat mill-ġid komuni.

Dan joħroġ fid-dieher bl-aktar mod ovvju fid-dellijiet tal-"industrija" tal-kostruzzjoni. In-nies m'għadhomx jistgħu jaraw is-sema u l-baħar, u l-ispazji miftuħa tal-kampanja u tal-irħula ħaduhomlhom. Il-persuni bil-premm jew bis-siġġu tar-roti twarrbu minn fuq il-bankini biex jitwessgħu t-toroq jew jinħolqu spazji kummerċjali. Is-siġar tqaċċtu biex jagħmlu spazju għall-karozzi. L-arkitettura vernakulari nbidlet f'porkerija ta' bini, frott il-kilba u l-medjokrità.

Il-valur intrinsiku tal-wirt naturali, storiku u arkitettoniku, li mistennija nipproteġu u nikkonservaw għall-ġenerazzjonijiet futuri, ġie żvalutat biex isir flus ta' malajr għall-gwadann tal-ftit li għandhom is-saħħa jwasslu lill-politiċi jiddeċiedu f'isimhom.

Xi drabi jitħarsu ċerti monumenti storiċi notevoli iżda l-pajsaġġi urbani u rurali jinqerdu. U biex jintefa' l-melħ fuq il-ferita, it-tifqir kontinwu tal-popolazzjoni jiġi trivalizzat daqslikieku xi inkonvenjenza ċkejkna fil-kuntest ta' ritmu ekonomiku qawwi minn dawk li għall-gwadann tagħhom ma jriduniex noqtlu l-wiżża li tbid il-bajda tad-deheb.

Għaqda nazzjonali li taċċetta din ir-realtà, li tippermettilha tippersisti mingħajr protesta u mingħajr tentattiv li tittreġġa' lura, li tbaxxi rasha għar-rieda tal-elit korporatizzat tal-flus, se ddejjem din l-inġustizzja inerenti, inugwaljanza li l-agħar vittmi tagħha huma l-aktar membri dgħajfa tas-soċjetà u dawk li għad iridu jitwieldu.

## Nagħtu prezz liċ-ċittadinanza

It-tisrif fi flus amorali tal-wirt ta' madwarna – l-ispazji miftuħa, il-kampanja, ix-xtut, il-pajsaġġ u l-bqija – nistgħu nqabbluh mat-tisrif fi flus amorali tal-wirt li ma jidhirx iżda li lkoll intitolati għalih bħala "Maltin".

Dan l-argument jibni fuq punt preċedenti dwar l-indifferenza sorprendenti li din il-komunità jidher li għandha għall-Kostituzzjoni tagħha.

Il-bejgħ taċ-ċittadinanza Maltija lil persuni mingħajr xi tip ta' rabta – fil-passat, fil-preżent jew fil-futur – mal-pajjiż u mal-komunità tiegħu, u mingħajr xi kwalifika materjali għajr il-ġid estrem tagħhom, ixejjen il-valur taċ-ċittadinanza tal-bqija li huma intitolati għaliha bit-twelid jew b'naturalizzazzjoni.

Il-konferenza aktarx se tisma' sikwit li irrispettivament x'jistgħu jkunu d-differenzi ta' bejnietna, aħna m'aħniex sempliċiment Laburisti jew Nazzjonalisti, favur il-kaċċa jew kontriha, favur il-logħob tan-nar jew kontrih, jew xi xquq temporanji oħra li jaf ifeġġu bejnietna. Aħna l-ewwel u qabel kollox, "Maltin". "*Ilkoll aħwa Maltin*".

Aħna argumentajna għalfejn id-definizzjonijiet popolari u popolisti ta' xi jfisser li tkun Malti jew Maltija, abbażi ta' linji etniċi, lingwistiċi, razzjali, reliġjużi jew kulturali huma ineżatti u minnhom innifishom diviżivi. In-nozzjoni ta' "nazzjon" hija waħda politika, u fil-każ tagħna għadha mwaħħla fi żminijiet kolonjali bħala waħda antikolonjali.

L-estensjoni loġika ta' dak l-argument hija li, lil hinn mill-karattru tan-nazzjon, li tkun Malti jew Maltija huwa dwar iċ-ċittadinanza: kwalità sekulari li ma tafx b'etniċità, lingwa, razza, reliġjon jew kultura. Iċ-ċittadinanza hija dwar il-kuntratt bejn individwu li jgħix f'komunità u l-bqija tal-komunità; is-sovranità li hija inerenti għal dak l-individwu iżda li hija kondiviża b'kodiċi ta' dmirijiet u drittijiet li permezz tagħhom is-setgħa tiġi delegata daqskemm eżerċitata fl-interess tal-individwu u tal-komunità.

F'dan is-sens, l-intitolament li jiġi maċ-ċittadinanza tal-persuni li jgħixu u jaħdmu f'pajjiżna, li jikkontribwixxu l-kreattività, l-enerġija, il-lealtà, u l-għaraq ta' ġbinhom għall-ġid tal-pajjiż, u l-protezzjoni tal-abitanti aktar vulnerabbli ta' dawn il-gżejjer, jitqies b'mod inġust bħala l-intitolament u l-privileġġi tal-persuni li m'għandhom assolutament l-ebda interess fil-pajjiż.

Dan il-punt jaf ma jiġix mill-ewwel f'moħħna, iżda huwa waħda mill-kawżi tan-nuqqas ta' għaqda. Iċ-ċittadinanza qed tiġi rrifjutata lil persuni li għexu f'pajjiżna għal bosta snin, li ħadmu u ħallsu t-taxxi hawn, u li kabbru l-familji tagħhom f'Malta. Il-kontribut tagħhom mhux jitqies biżżejjed biex jiġu rikonoxxuti bħala ċittadini ta' Malta. Mill-migranti nieħdu

xogħolhom u l-ħlas tat-taxxi iżda ma nikkunsidrawx li naqsmu magħhom ukoll l-istatus formali u simboliku iżda mill-aktar sinifikattiv ta' sħubija f'din il-komunità. Madankollu, lesti bil-qalb kollha li nagħtu ċ-ċittadinanza tagħna lil sinjuruni li jifilħu jixtru dak it-titlu.

Dik il-politika tikklassifika ċ-ċittadinanza fi grad aktar baxx mill-karattru tan-nazzjon, flok bil-kontra.

## Aktar sinjur ma jfissirx li aħjar.

M'għandna l-ebda ostilità ideoloġika għall-għana, għall-intraprenditorija, għall-ambizzjoni personali u għal-libertà tal-għażla ekonomika. Aħna nifhmu l-kontribut li dan l-ispirtu jagħti għall-benesseri usa' tal-komunità madankollu nibżgħu li ħafna drabi dan ikun sopravalutat u t-tkabbir statistiku ekonomiku waħdu jkun mistenni jasal fil-bwiet ta' kulħadd b'mod awtomatiku bħallikieku b'miraklu, il-motivazzjoni ta' xi ħadd li jagħmel il-qligħ se tieħu ħsieb minn jeddha l-ħtiġijiet tal-komunità mingħajr il-bżonn li dawn jintalbu.

Sopravalutazzjoni oħra frekwenti hija relatata mal-korrelazzjoni mistennija bejn l-għana u l-kuntentizza. Aktar kmieni ppreżentajna l-argument li t-tisrif fi flus u l-privatizzazzjoni tal-ispazji pubbliċi jċaħħad lill-komunità mill-privileġġ naturali ta' tgawdija tal-ambjent u tas-saħħa.

Aħna nifhmu li din il-konferenza hi mħassba dwar bosta inugwaljanzi soċjali u ekonomiċi evidenti li kulma jmur qed dejjem jiżdiedu, għax ħafna mill-ġid qed jasal fil-bwiet tal-ftit filwaqt li aktar persuni qed jgħixu fir-riskju jew fil-konsegwenza effettiva tal-privazzjoni materjali minn ħtiġijiet bażiċi, fosthom is-saqaf, l-ikel u l-kundizzjonijiet sanitarji.

Aħna naspiraw għal għaqda nazzjonali li tafferma kunsens li r-responsabbiltà primarja ta' komunità hija favur l-ifqar, l-aktar dgħajfa u l-aktar żvantaġġati minn fostha, u li kull faċilitazzjoni tal-ħolqien tal-ġid u tal-attività ekonomika mhijiex skop minnha nnifisha iżda wieħed mill-mezzi biex titwettaq ir-responsabbiltà primarja. Għal affermazzjoni ta' dak il-kunsens, aħna rridu naqblu fuq il-fatt li qed infallu fejn tidħol din ir-responsabbiltà primarja, u rrid naħdmu iżjed biex inwettquha bis-sħiħ.

Il-faqar mhux se jgħib billi nindirizzaw l-isfidi tal-ħtiġijiet bażiċi, bħas-saqaf, l-ikel u l-kundizzjonijiet sanitarji. Il-faqar jidher ukoll fl-inugwaljanzi tal-aċċess għall-opportunitajiet, għall-edukazzjoni u għas-saħħa, għall-mobbiltà u għal ambjent urban u naturali ta' kwalità għolja.

Maż-żmien, evolvejna d-domma żgwidata li tnaqqis fit-taxxi hu bilfors aħjar minn żieda fit-taxxi; li gvern iżgħar huwa aħjar minn gvern li jintervjeni iżjed biex jaġġusta l-iżbilanċi fil-komunità; u li l-introjtu jiġġustifika lilu nnifsu, ġej minn fejn ġej.

Aħna nargumentaw li l-persuni aktar għonja jeħtieġ iħallsu iżjed taxxi mill-persuni fqar, u għandhom jikkontribwixxu iżjed għan-nefqa tal-pajjiż li tiżgura s-solidarjetà fil-komunità. Nargumentaw anki li t-taxxi jeħtieġ ikunu għodda ta' politika li tiskoraġġixxi komportamenti inġusti u dannużi, ngħidu aħna, permezz ta' taxxi fuq l-użu tal-karozzi privati biex tiġi xprunata l-bidla modali favur mezzi oħra tat-trasport, jew permezz ta' taxxa li tiskoraġġixxi t-tħallija tal-proprjetajiet vojta bl-iskop li jiżdied il-valur minflok li n-naħa tad-domanda tal-proprjetà titħalla żżomm il-prezzijiet affordabbli għal aktar persuni.

Nargumentaw ukoll li l-mudell ekonomiku u tal-iżvilupp tagħna m'għandux jissejjes fuq il-qligħ minn kompliċità fl-evitar tat-taxxa jew fuq l-intaxxar tal-vizzji, iżda minflok għandu jitmexxa minn żvilupp ekonomiku bbażat fuq l-innovazzjoni, ix-xjenza, is-sostenibbiltà ambjentali u ekoloġika, u l-inklussività.

Din il-bidla se tkun meħtieġa, mhux biss minħabba raġunijiet etiċi, iżda anki minħabba raġunijiet diffiċli li rridu jew ma rridux se jkollna nħabbtu wiċċna magħhom. Aktarx li wara din il-pandemija, il-gvernijiet tal-pajjiżi fejn jgħixu u joperaw in-negozju tagħhom il-klijenti tal-industrija Maltija tal-evitar tat-taxxa, mhux se jibqgħu disposti li jittolleraw l-"istrutturar tat-taxxa". Dik ir-realtà ekonomika se tkompli titgħarraq bir-realtà politika li r-reputazzjoni ta' Malta f'dan il-qasam ġarrbet ħsara kbira minħabba l-inċidenti politiċi u kriminali tal-aħħar snin.

Madankollu, ma jistax jingħad li l-kunsiderazzjonijiet etiċi fl-għażla tal-attivitajiet ekonomiċi li jwettaq pajjiżna mhumiex relatati mal-ambizzjoni li titħeġġeġ l-għaqda, għax dawn qed joħolqu dubji dwar il-kawżi tan-nuqqas ta' għaqda: l-inġustizzja, l-inċertezza, l-esklużjoni u l-privazzjoni.

1

## Inġustizzja sistematika

L-inġustizzja, l-inċertezza, l-esklużjoni u l-privazzjoni huma kawżi, kif diġà argumentajna, għan-nuqqas ta' għaqda. Dil-problema ma tissolviex billi sempliċiment insemmuhom fuq fuq. Anzi, hekk inkomplu ngħarrqu s-sitwazzjoni. Intennu li aħna nifhmu għalfejn din il-konferenza trid tillimita d-diskussjoni dwar it-twettiq tal-politika f'Malta, u ntennu wkoll fehmietna li b'dan il-mod, qed naqbżu problema importanti.

Il-klijenteliżmu qed jingħata palata mill-amministrazzjoni. Ministri tal-gvern jibagħtu lil impjegati mill-ministeri tagħhom biex jistaqsu lil kostitwenti potenzjali jekk "jeħtiġux xi ħaġa". Uffiċjalment, dan hu servizz proattiv ta' customer care. Fil-prattika, dan hu rranġar baxx baxx għal servizzi pubbliċi. Minflok ma jingħataw b'mod ġust, bid-dritt u skont il-liġi mingħajr ma titqies l-identità tal-benefiċjarju ħlief l-eliġibbiltà u l-intitolament tiegħu jew tagħha skont kriterji prestabbiliti u oġġettivi, is-servizzi pubbliċi qed jispiċċaw jingħataw b'mod tranżazzjonali, skont wegħdi li jsiru lil sostenituri partiġġjani jew personali u patrunaġġ.

Bla dubju, il-konsegwenza ta' dan kollu hija li l-benefiċjarji eliġibbli jiċċaħħdu mid-drittijiet tagħhom jew li fi kwalunkwe każ, jispiċċaw fil-kju wara s-sostenituri li jiżguraw posthom b'konverżazzjonijiet personali mal-Ministri tal-kostitwenza tagħhom.

Ħafna minn dan l-iskambju ta' tranżazzjonijiet iħalli konsegwenzi materjali u dannużi. Mill-ġdid, dan huwa mill-aktar evidenti fl-ippjanar u fil-kostruzzjoni. Filwaqt li jinħarġu permessi għal proġetti fuq skala kbira minħabba relazzjoni korrotta bejn l-elit tal-flus u l-politiċi li dan jiffinanzja, il-permessi għal proġetti fuq skala iżgħar li ma jistgħux jiġu ġġustifikati, jew il-fallimenti fl-infurzar tal-ksur fl-ippjanar, huma attribwibbli għal pjaċiri personali minn Ministri lis-sostenituri partiġġjani tagħhom.

Dan nistgħu nisħquh b'eżempji speċifiċi, iżda fi kwalunkwe każ jinsabu lkoll fid-dominju pubbliku u ħafna drabi ftit li xejn jiġu kkontestati.

Il-patrunaġġ mill-politiċi ta' pajjiżna jinkludi wkoll ir-reklutaġġ irregolari ta' persuni mas-settur pubbliku, bl-ingaġġ tal-hekk imsejħa "persuni ta' fiduċja", bi rranġar mingħajr ġustifikazzjoni li jinjora r-regoli Kostituzzjonali dwar ir-reklutaġġ mas-settur pubbliku.

Dan għandu konsegwenza doppja. Qabelxejn, l-inġustizzja hija minnha nnifisha diviżiva. Il-persuni li jitħallew barra minn dawn il-vantaġġi informali għandhom għażla: jew li jkunu parteċipi fil-"logħba" u jikkompetu għall-pjaċiri barra mil-liġi, jew li jibqgħu barra mil-logħba bħala forma ta' protesta u għadab.

It-tieni konsegwenza hija li l-karigi tas-servizz pubbliku ma jimtlewx mill-aktar kandidati kapaċi iżda mill-aktar kandidati leali għall-interessi partiġġjani tal-Ministri li jingaġġawhom. B'hekk, il-pubbliku qed jitqarraq. Qed jintalab iħallas għal servizzi bil-flus miġbura mit-taxxi, iżda s-servizzi qed jingħatawlu b'inqas kwalità milli mistenni għax qed jingħataw minn persuni inqas kapaċi.

Billi dan ma jiġrix f'ċerti setturi speċjalizzati, wieħed jista' jagħraf b'mod ċar il-konsegwenzi ta' fejn dan ikun qed jiġri. Aktarx li l-gvern mhux se jingaġġa, ngħidu aħna, persuna mhux kwalifikata iżda partiġġjana favorita bħala kirurgu tal-qalb. Madankollu aktarx li l-gvern se jagħżel kummissarju tal-pulizija skont il-lealtà politika tiegħu. Din il-kariga jaf ma tkunx ta' theddida ovvja għall-ħajja tan-nies iżda xorta tista' tkun konsegwenzjali.

Fl-aħħar jiem, il-pubbliku Malti sar jaf li student universitarju ta' 19-il sena mingħajr ebda esperjenza professjonali jew akkademika li toħroġ fid-dieher kwalitajiet speċjali, inħatar gvernatur tal-aġenzija pubblika li tippromwovi l-industrija tas-servizzi finanzjarji ta' Malta fix-xena internazzjonali. Fil-preżent, l-industrija tas-servizzi finanzjarji qed tittarraf ġmielu u teħtieġ l-isforz ta' l-aħjar nies biex tevita li tiġġarraf. Madankollu, il-gvern kien lest jaħtar persuna għal din il-kariga li mid-dehra, l-unika kwalità osservabbli tagħha hija l-qrubija tagħha mal-Ministru li ħa d-deċiżjoni.

Dan hu iżda, l-aktar eżempju riċenti minn fost eluf ta' ħatriet li maż-żmien bdew jitlaqqmu "iced buns" (ingaġġ b'ingann).

Tkun simplifikazzjoni grotteska li tattribwixxi l-għadab li ġabu magħhom dawn il-ħatriet bħala riżultat ta' politika tal-għira. Aktarx li ħafna minn dawk li jilmentaw dwar il-ħatra ta' persuna mhux kwalifikata biex tmexxi l-aġenzija li tippromwovi s-servizzi finanzjarji, ma jqisux lilhom infushom bħala kandidati idonei għal dik il-kariga. Iżda kapaċi jifhmu tajjeb ħafna u bir-raġun kollu jitħassbu li l-ħatra ta' sieħeb inkompetenti jaf tħalli impatt ħażin fuq l-industrija tas-servizzi finanzjarji (jew jaf ma jirnexxilhiex tħalli l-impatt pożittiv mixtieq) u b'hekk fl-aħħar mill-aħħar tkun qed issir ħsara lill-benesseri tagħhom.

Komunità "magħquda" ma tistax tibqa' teżisti abbażi tal-privileġġi jew, jekk tkun qed titmexxa minn elit li jaħkem taħt idejh l-eżerċitar tal-poter, sempliċiment għax tkun tappartjeni għal dak l-elit. Komunità magħquda trid tkun komunità ġusta, u komunità ġusta trid bilfors titmexxa minn persuni magħżula skont il-mertu: li jkunu l-aqwa mara u raġel għal dik il-kariga.

U dan mhuwiex isir.

## L-abdikazzjoni partiġġjana tax-xandir pubbliku

L-"iced buns" mogħtija fis-servizz tax-xandir pubbliku ma ħallewx l-impatt pożittiv mixtieq, u minflok affettwaw ħażin l-abbiltà tal-komunità li tingħaqad. Dan huwa minnu l-aktar, iżda mhux biss, għall-karigi fil-kamra tal-aħbarijiet tax-xandir pubbliku.

Il-kamra tal-aħbarijiet ta' TVM, sa żminijiet riċenti, kienet titmexxa minn editur li jaħbat wieħed mill-interlokaturi ta' dil-konferenza. Fix-xhieda tiegħu quddiem l-Inkjesta Pubblika dwar il-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, dan qal li l-aġenda tal-kamra tal-aħbarijiet tiegħu kemm-il darba kkoordinaha mal-gvern. Is-suċċessur tiegħu baqgħet għaddejja b'din il-prattika sal-punt li, jekk xejn, hija ferm inqas sottili u inklussiva minn kemm kienet qabel. Din taħdem għal interlokatur oħra ta' din il-konferenza li sal-lum għadha ma ħarġet bl-ebda inizjattiva viżibbli biex TVM joqrob lejn it-twettiq tal-missjoni tiegħu bħala xandar pubbliku.

Bħala xandar pubbliku, TVM għandu l-missjoni li jirrappreżenta l-kultura nazzjonali, li jiftaħ opportunitajiet għal djalogu, konsiderazzjoni ġenwina u ċivili ta' opinjonijiet u gosti diversi, u li jipprovoka l-bidla u l-maturità fid-diskors nazzjonali u fix-xenarju kulturali ta' pajjiżna

F'din il-missjoni, qed ifalli. Qed jissokta bid-duwopolju tal-opinjoni fil-pajjiż, u qed jagħti l-impressjoni lill-pubbliku li jekk ħaġa ma tingħadx mill-partiti politiċi, mhux neċessarjament li hija utli.

Hawn nirreferu għall-mod kif TVM ppreżenta l-avvenimenti ta' Novembru/Diċembru 2019 meta s-soċjetà ċivili, bil-protesti tagħha kważi kuljum, wasslet għal bosta riżenji mill-ogħla karigi tal-gvern tal-ġurnata. Iċ-ċittadini li TVM huwa l-uniku sors tal-informazzjoni tagħhom

dwar x'qed jiġri fil-pajjiż, ma kinux jafu b'dawn il-protesti qabel Joseph Muscat ħabbar li kellu jirreżenja 'ħabba l-protesti. Dan ifakkarna fir-rappurtaġġ fuq l-istazzjonijiet televiżivi uffiċjali fil-blokk Sovjetiku meta sfaxxaw ir-reġimi komunisti ta' dawk il-pajjiżi lejn l-aħħar tat-tmeninijiet.

'Il barra mid-djuq tal-politika, TVM itenni l-miti tal-identità nazzjonali skont il-limitazzjonijiet konvenzjonali u diviżivi li semmejna aktar qabel f'dawn is-Sottomissjonijiet. L-udjenzi u l-parteċipanti jitħallew jaċċessaw dan l-ispazju miftuħ tax-xandir biss jekk iridu jagħmlu dan bil-Malti. Il-migranti jew id-dixxendenti nattivi tagħhom, il-kontribut tagħhom għall-ekonomija u l-kultura ta' Malta, u l-intitolament sħiħ tagħhom li jieħdu sehem fl-isfera pubblika huma minsija għalkollox minn TVM; u b'hekk l-migranti jsiru daqslikieku aljeni bla vuċi u bla opinjoni, mingħajr kultura, u mingħajr l-abbiltà li joffru xi ħaġa lill-komunità Maltija li għandhom id-dritt jappartjenu għaliha.

TVM u d-diversi forom ta' midja tiegħu, inkluż l-ispazju online, ifallu fil-missjoni ta' xandara pubbliċi li jedukaw u jagħtu s-setgħa liċ-ċittadini, li jagħtuhom l-informazzjoni li jeħtieġu biex ikunu jistgħu jiġġudikaw lill-politiċi u lill-amministraturi tagħhom, u li jservu ta' lok għal kritika sana mingħajr suġġizzjoni fil-konfront tal-poter politiku.

Minkejja t-talenti indiskutibbli ta' ġurnalisti individwali li jaħdmu għal TVM, il-ġurnaliżmu investigattiv li jista' b'xi mod jirrita lill-politiċi huwa skoraġġit u mrażżan.

Il-pubbliku qed jingħata realtà li tant tipprova ddoqq ħelu, li min idur għal sorsi oħra tal-informazzjoni jismagħha tistona anki bl-aktar analiżi fuq fuq tar-realità. Dan joħloq nuqqas ta' fiduċja u jnissel firda ma' subsetti oħra tal-pubbliku li jsibuha konvenjenti li TVM, bil-metodu tiegħu, jikkonferma l-preġudizzji u l-preżunzjonijiet bla bażi tagħhom.

TVM qed jonqos ukoll milli jipprovdi pjattaforma eżemplari għal dibattitu matur. Għall-kuntrarju, ħafna drabi jkun qed jirrappreżenta bl-aktar mod espliċitu, il-mudell aċċettat għal konfrontazzjoni irrazzjonali, argumentazzjoni superfiċjali, simplifikazzjoni żejda u grotteska, u għal skurjar tribali tal-punti. It-temi ta' importanza nazzjonali jingħataw il-ġenb jekk ma jkunx konvenjenti għall-partiti politiċi, l-aktar għall-partit fil-gvern, li jiġu diskussi dakinhar. Il-fehmiet li huma aktar fini mill-fehmiet ta' xi partit politiku, jitwarrbu għax jitqiesu bħala distrazzjonijiet.

Anki dan huwa falliment, li ma ntejbux il-kwalità tad-dibattitu nazzjonali. Dan jikkonferma l-idea li m'hemm xejn bejn il-lagħqiżmu tal-eroj politiċi ta' naħa tribali minnhom u t-tfigħ tat-tajn fid-direzzjoni ġenerali tal-oppożizzjoni.

Fuq it-televixin qatt ma naraw lil min jaċċetta argument li ma kienx diġà miftiehem qabel bdiet id-diskussjoni.

Dan isir l-istandard ta' superfiċjalità għall-mod kif mistennija taħseb il-popolazzjoni.

## Il-ħin kollu nfittxu dak li jifridna

L-eżempju tal-mexxejja politiċi, il-mod kif dan jiġi rrappurtat fuq ix-xandir pubbliku (u b'mod ferm inqas dinjituż fuq l-istazzjonijiet televiżivi immexxija u kkontrollati mill-mexxejja tal-partiti politiċi), il-kwalità tad-dibattitu tagħhom, il-polarizzazzjoni tal-kwistjonijiet, u s-simplifikazzjoni żejda ta' għażliet kumplessi u fini, jirriflettu fuq il-kwalità u huma rifless tal-kwalità tad-dibattitu pubbliku tagħna, ikun fejn ikun.

L-Istat Malti qed jonqos mid-dover tiegħu li jippromwovi l-valuri li għandhom ikunu fil-qalba tad-demokrazija tagħna: il-lealtà lejn il-verità, l-impenn lejn il-komunità, ir-rispett lejn id-drittijiet tal-bnedmin kollha, l-onestà fil-karigi tal-uffiċjali pubbliċi. Jekk dawn il-valuri jiġu mgħallma fl-iskejjel, jekk jerġgħu jsibu posthom fid-diskorsi politiċi u jsiru l-istandards li l-uffiċjali pubbliċi jridu jilħqu u li jmexxuhom, inkunu qed nersqu lejn l-għaqda li l-President jixtieq għal pajjiżna.

Il-politika tagħna hija polarizzata u għalhekk aħna, in-nies, ħafna drabi ma nkunux nistgħu nagħrfu l-valur tal-moderazzjoni.

Il-fehmiet jistgħu jkunu polarizzati, pereżempju, fuq is-suġġett tal-logħob tan-nar. Dawk favur din l-attività jesprimu passjoni qawwija dwarha. Iqisuha inerenti għall-kultura Maltija, u biċċa waħda mill-identità nazzjonali daqs kemm hija li tkun tgħix f'Malta. Iqattgħu sigħat sħaħ jiġbru l-flus, jimmanifatturaw, jippreżentaw u jaraw ħarqa wara oħra. Min-naħa l-oħra, dawk li ma jaqblux magħhom jilmentaw fuq l-istorbju, l-għeluq tat-toroq, it-tniġġis, il-konsegwenzi u l-perikli. Fid-diskors Malti ftit li xejn hemm lok għall-virtù tan-nofs, jew l-hekk imsejħa "medja Aristotelika". Forsi l-idea ta' wirjiet b'inqas murtali u b'murtali ta' aktar

kwalità – inqas storbjużi, inqas frekwenti u f’perjodi iqsar tal-ġurnata – jaf tkun tissodisfa biżżejjed liż-żewġ naħat tad-dibattitu biex ikunu jistgħu jeżistu flimkien.

Inqas logħob tan-nar, inqas kostruzzjoni, inqas kaċċa, inqas ġranet ta’ toroq magħluqin minħabba l-festi, jaf ikunu eżempji tal-valur tal-moderazzjoni fi ħsiebna u fl-argumenti ta’ bejnietna li jqarrbuna aktar lejn xulxin.

Din mhux dejjem taħdem. Fi kwistjonijiet ta’ ħajja jew mewt, m’hemmx kompromessi.

Lanqas ma jista’ jkun hemm kompromess dwar l-intolleranza assoluta tagħna għall-qtil tal-ġurnalisti, għall-intimidazzjoni fil-konfront tagħhom, jew fil-konfront ta’ uffiċjali pubbliċi minn kriminali u mill-korrotti fil-poter. Dan jixħitna fl-estrem ta’ dibattitu aħrax li għadu jaħraq ħafna f’dan il-pajjiż, u m’aħna lesti nibagħtu l-ebda sinjal ta’ rieda għal kompromess.

L-għaqda, wara kollox, hija aspirazzjoni. Hi xewqa li ngħixu f’għaqda aktar perfetta, għax nafu li nistgħu nittamaw li nersqu lejn il-perfezzjoni iżda li qatt ma nistgħu nilħquha.

Anness

# “Il-kliem hu bħall-ġebel”

Dan li ġej hu traduzzjoni ħafifa tal-għaxar prinċipji li jiġbru fil-qosor iċ-Charter ta’ Assisi.

**Tiktibx fuq ħaddieħor dak li ma tridx jinkiteb dwarek.**

*Il-kitba hi komunikazzjoni. Il-komunikazzjoni hi fehim. L-ostilità hi blata samma li twaqqaf il-fehim.*

**Tibża’ qatt tikkoreġi lilek innifsek.**

*L-informazzjoni jeħtieġ tkun korretta dejjem. Kun dejjem onest mal-qarrejja. Tibża’ qatt tikteb korrezzjoni meta tagħraf li kont żbaljajt.*

**Agħti vuċi lill-aktar dgħajfa.**

*Ħu ħsieb agħti leħen lil dawk li m’għandhom xejn ħlief ħajjithom. Ħares l-identità tiegħek b’kull mod. Iżda irrispetta d-diversità u d-differenzi.*

**Tgħallem ippreżenta ċ-ċifri.**

*Meta tikteb, ħu ħsieb li f’nofs l-opinjonijiet tippreżenta kull dejta rilevanti biex tagħti informazzjoni korretta.*

**Il-kliem hu ġebel. Użah biex tibni l-pontijiet.**

*Ftakar li meta jintuża ħażin, il-kliem jista’ jweġġa’, iferi u joqtol; ħu ħsieb li l-blog jew il-website tiegħek ma jippubblikawx messaġġi ta’ mewt; ħudha qatta’ bla ħabel kontra l-kliem abbużiv fuq l-internet u ibni pontijiet li jissuperaw iċ-ċensura.*

**Għasses il-verità.**

*Sir il-portavuċi tal-persuni għatxana għall-paċi, għall-verità u għall-ġustizzja soċjali. Meta xi ġurnalist jiġi mhedded mill-mafja, empatizza miegħu u tħallih qatt waħdu.*

**Taħseb qatt li inti ċ-ċentru tad-dinja.**

*Temmen qatt li l-univers idur miegħek. Minflok, f'kitbietek ipprova wassal messaġġ li jdawwal l-ibgħad trufijiet tad-dinja u l-irkejjen tar-ruħ.*

**L-internet jiswa mitqlu deheb. Użah tajjeb.**

*Ftakar li l-internet hu rivoluzzjoni, iżda dak li tikteb hu rivelazzjoni ta' dak li int tassew.*

**Żomm kuntatt man-nies.**

*L-għan aħħari m'għandux ikun li tibni network ta' wires u cables, iżda network ta' aħwa.*

**Wassal leħnek fil-pjazez diġitali ġodda.**

*Ir-rivoluzzjoni li ġab San Franġisk kienet li l-messaġġ joħroġ mill-knejjes u jasal fil-pjazez. Illum ftakar li trid iġġib rivoluzzjoni ġdida, u l-messaġġ tiegħek oħorġu mill-pjazez u wasslu fuq l-internet.*